



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14484/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0255(NLE)**

**EDUC 398
JEUN 148
SOC 705
RECH 544
DIGIT 176**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13621/21	
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċi ta' tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċi ta' tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva, kif adottata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar approċċi ta' tagħlim imħallat għal
edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari
l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

BILLI:

1. Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat u poġġiet pressjoni bla preċedent fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar id-dinja u madwar l-Unjoni. Ir-restrizzjonijiet soċjetali ġabu bidliet kbar fit-tagħlim u l-apprendiment kif ukoll fil-komunikazzjoni u fil-kollaborazzjoni fi ħdan il-komunitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ¹. Dawn kellhom impatt fuq l-istudenti, il-familji tagħhom, l-ġhalliema, il-ħarrieġa, u l-mexxejja tal-istituzzjonijiet, kif ukoll fuq il-professjonisti fil-komunità li jappoġġaw l-edukazzjoni, bħall-ħaddiema soċjali, il-psikologi, speċjalisti fi kwistjonijiet ta' konsulenza, professjonisti fil-kura tas-saħħa u edukaturi kulturali oħrajn. L-Istati Membri setgħu jimmobilizzaw b'mod rapidu soluzzjonijiet u appoġġ għat-tagħlim mill-bogħod, billi f'ħafna każijiet għamlu użu ta' teknoloġiji diġitali. Ġew meħuda tagħlimiet utli dwar opportunitajiet ġodda għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż iż-żieda sinifikanti fil-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-ġhalliema u rabtiet aktar mill-qrib bejn l-iskejjel u l-komunità usa'. Madankollu, ħafna Stati Membri esperjenzaw nuqqasijiet fis-sistema, b'nuqqas mifrux ta' tħejjija u riżorsi għall-bidla lejn approċċ differenti għat-tagħlim u l-apprendiment, li enfasizza u aggrava l-inugwaljanzi, id-diskrepanzi u l-ħtiġijiet eżistenti². Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jindirizzaw dawn u jtejbu wkoll ir-reżiljenza tagħhom, biex ilaħħqu ma' u jadattaw aħjar għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu fil-futur.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ĠU C 212 I, 26.6.2020, p. 9.

² Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2021) 219 final, parti 1, paġna 6 (nota 2 f'qiegħ il-paġna).

2. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ jistiednu lill-Istati Membri biex "jergħu jibdew attivitajiet ta' taħlim u apprendiment wiċċ imb wiċċ", u barra minn hekk jipprovdu "possibbiltajiet għal taħlim mill-bogħod, diġitali u mħallat", filwaqt li "jagħtu attenzjoni addizzjonali biex jiżguraw opportunitajiet indaqs". Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-ġharfien tal-Ewropa³ jistiednu wkoll lill-Kummissjoni biex "tkompli l-ħidma, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u abbażi tal-evidenza", il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, "bil-għan li jkun hemm komprensjoni kondiviża fil-livell tal-Unjoni tal-approċċi għal proċessi ta' apprendiment mill-bogħod li jkunu effettivi, inklużivi u interessanti".
3. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 jiddeskrivi l-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja, inklużiva u aċċessibbli fl-Ewropa. Huwa appell għal azzjoni għal kooperazzjoni aktar b'saħħha fil-livell Ewropew biex jittieħdu taħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jkunu aktar lesti għall-era diġitali. Dan jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġija li tiffaċilita apprendiment aktar aċċessibbli, flessibbli, personalizzat u ffukat fuq l-istudenti. Ifittex li jindirizza l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ meta jkun hemm nuqqas ta' ħiliet u kompetenzi diġitali, aċċess għal għodod xierqa, u konnettività online affidabbli. Il-pjan jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità diġitali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

³ ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22.

4. It-trawwim tal-iżvilupp tal-kompetenzi huwa wieħed mill-għanijiet ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li permezz tagħha "nużaw il-potenzjal sħiħ tal-edukazzjoni u tal-kultura bħala muturi tal-impjiegi, tal-ġustizzja soċjali, taċ-ċittadinanza attiva kif ukoll bħala mezz biex tiġi esperjenzata l-identità Ewropea fid-diversità kollha tagħha"⁴. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)⁵ tistabbilixxi, bħala l-għan ewlieni tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri li għandhom l-għan li jiżguraw is-sodisfazzjon personali, soċjali u professjonali taċ-ċittadini kollha, filwaqt li tippromwovi l-valuri demokratiċi, l-ugwaljanza, il-koeżjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva, u d-djalogu interkulturali, kif ukoll il-prospertà ekonomika sostenibbli, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-impjegabbiltà.
5. L-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁶ jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jikseb ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u tranżizzjonijiet ta' suċċess fis-suq tax-xogħol. Il-prinċipju 11 tal-Pilastru jiddikjara li t-tfal li ġejjin minn ambjent żvantaġġat għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs. L-implimentazzjoni effettiva ta' daww il-prinċipji tiddependi ħafna fuq id-determinazzjoni u l-azzjoni tal-Istati Membri. L-azzjonijiet fil-livell tal-UE jistgħu jikkomplementaw l-azzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni ppreżentat il-kontribut tagħha fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁷.

⁴ COM(2017) 673 final.

⁵ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

⁶ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

⁷ COM(2021) 102 final.

6. L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa⁸ tiddefinixxi azzjonijiet li jgħinu lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw u jużaw aktar ħiliet u ħiliet aħjar, billi jsaħħu l-kompetittività sostenibbli u jibnu r-reżiljenza biex jirreaġixxu għall-kriżijiet, abbażi tat-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19; tipproponi wkoll it-trawwim tal-edukazzjoni STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika) f'azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni.
7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal⁹ tistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess effettiv u liberu għall-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskejjel għat-tfal fil-bżonn (jiġifieri f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali). L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal¹⁰ titlob li tinbena edukazzjoni inklużiva ta' kwalità.
8. F'dinja li qed tinbidel rapidament u interkonnessa ħafna, kull persuna teħtieġ firxa wiesgħa ta' kompetenzi u li tiżviluppahom kontinwament matul il-ħajja. Il-kompetenzi ewlenin kif definiti fil-Qafas Ewropew ta' Referenza dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja¹¹ għandhom l-għan li jistabbilixxu l-pedament għall-kisba ta' soċjetajiet aktar ekwi u aktar demokratiċi. Dawn jirrispondu għall-ħtieġa ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli, koeżjoni soċjali u żvilupp ulterjuri tal-kultura demokratika.

⁸ COM(2020) 274 final.

⁹ ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.

¹⁰ COM(2021) 142 final.

¹¹ ĠU C 189, 4.6.2018, p. 7.

9. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja¹² tiddikjara li l-iżvilupp tal-kompetenzi huwa ffaċilitat permezz tal-promozzjoni ta' varjetà ta' approċċi u ambjenti tat-tagħlim, inkluż l-użu adegwat tat-teknoloġiji diġitali; l-għoti ta' appoġġ lill-persunal edukattiv kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħrajn li jappoġġaw il-proċessi ta' tagħlim, inkluż il-familji; l-appoġġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-kompetenzi ewlenin miksuba f'kuntesti differenti; u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni fl-edukazzjoni u bejn ambjenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim fil-livelli kollha, u f'oqsma differenti.
10. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza¹³ tipproponi viżjoni modernizzata ta' politika tal-UE dwar il-VET, inkluż id-diġitalizzazzjoni tagħha u l-użu ta' tagħlim imħallat. Id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi tiddikjara li t-tagħlim diġitali jista' jkollu rwol importanti u komplementari¹⁴.
11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur¹⁵ jirrikonoxxu li l-għalliema, il-ħarrieġa u l-mexxejja tal-iskejjel huma mutur indispensabbli tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jenħtieġ li jkunu involuti fil-ħolqien ta' politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ b'awtonomija fl-applikazzjoni ta' dawn il-politiki fil-prattika iżda li jeħtieġu wkoll l-appoġġ ta' approċċ komprensiv għall-edukazzjoni inizjali, id-dħul fis-servizz u l-iżvilupp professjonali kontinwu.

¹² ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

¹³ ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.

¹⁴ Approvata fit-30 ta' Novembru 2020.

¹⁵ ĠU C 193, 9.6.2020, p. 11.

12. Il-pandemija kabbret it-tħassib li ilu jeżisti għall-benesseri fiżiku, mentali u emozzjonali tat-tfal u taż-żgħażaġh. It-tfal u ż-żgħażaġh kollha għandhom jingħataw appoġġ biex igawdu stil ta' ħajja attiv u tajjeb għas-saħħa¹⁶, li jhegġegħ drawwiet pożittivi tul il-ħajja, u għandu jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'firxa ta' attivitajiet sportivi u fiżiċi oħra, li ttejjeb il-ħiliet motorji u tagħti spinta lill-benesseri mentali u emozzjonali. It-tfal u ż-żgħażaġh jeħtieġu wkoll appoġġ għall-benesseri mentali u emozzjonali tagħhom matul it-tagħlim, inkluż kompiti ta' tagħlim taħt ċirkostanzi ta' sfida u fehim tal-imġiba sikura u responsabbli online¹⁷. Huwa meħtieġ ukoll appoġġ għal dawk l-istudenti li jqattgħu perijodi ta' ħin twal 'il bogħod mill-familji u l-pari tagħhom, jew mill-appoġġ tal-persunal tal-iskola. L-identifikazzjoni ta' oqsma għat-titjib u r-rimedju biex jiġi indirizzat kwalunkwe telf fit-tagħlim u impatt fuq il-benesseri hija importanti wkoll.
13. Filwaqt li jiġi rikonoxxut bis-sħiħ li l-valur tat-tagħlim wiċċ imb' wiċċ, it-tagħlim b'modi differenti u f'ambjenti differenti, inkluż is-sit tal-iskola, id-dar, fil-miftuħ, is-siti kulturali, il-postijiet tax-xogħol u l-ambjenti diġitali, jista' jimmotiva lit-tfal u ż-żgħażaġh biex itejbu l-iżvilupp ta' kompetenza wiesgħa tagħhom. Dan min-naħa tiegħu jista' jgħinhom jifhmu u jiġu motivati mir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali għal ħajjithom fis-soċjetà u jżid l-involvement attiv tagħhom fl-isfidi lokali u globali, pereżempju dawk relatati mas-sostenibbiltà, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

¹⁶ Fil-livell tal-UE, pereżempju, il-Kummissjoni Ewropea qed tniedi inizzjattiva "HealthyLifestyle4All" bħala kampanja ta' sentejn li għandha l-għan li torbot l-isport u l-istili ta' ħajja attivi mas-saħħa, l-ikel u politiki oħra.

¹⁷ Ara r-rapport tal-JRC "The likely impact of COVID-19 on education: Reflections based on the existing literature and recent international datasets" (L-impatt probabbli tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni: Riflessjonijiet ibbażati fuq il-letteratura eżistenti u settijiet ta' data internazzjonali reċenti), (Di Pietro, G., Biagi, F., Dinis Mota Da Costa, P., Karpinski, Z. and Mazza, J., 2020).

14. L-edukazzjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem u dritt tat-tfal. L-aċċess għaliha jrid jiġi ggarantit, indipendentement mill-ambjent li fih isseħħ – is-sit tal-iskola, ambjenti fiżiċi oħra, mill-bogħod, jew taħlita ta' kollha – u indipendentement miċ-ċirkostanzi personali u soċjali differenti tal-istudenti. Lil hinn mill-pandemija, filwaqt li jiġi rikonoxxut bis-sħiħ il-valur tat-tagħlim fis-sit tal-iskola u wiċċ imb' wiċċ, l-approċċi ta' tagħlim imħallat huma opportunità biex jittejjbu l-kwalità, ir-rilevanza u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bħal forniment ta' tagħlim aħjar f'żoni rurali u remoti, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-komunitajiet tal-gżejjer, u għal studenti oħra li jistgħu (temporanjament) ma jattendux is-sit tal-iskola full time: dawk li huma parti minn komunitajiet ta' vjaġġaturi jew vjaġġaturi okkupazzjonali; persuni żgħażaġh li jindukraw; dawk bi problemi tas-saħħa jew li jgħixu fi sptarijiet u f'ċentri tal-kura; dawk involuti f'taħriġ ta' prestazzjoni għolja; u dawk f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali jew f'xogħol bi ħlas. L-ambjenti u l-għodod kollha għandhom ikunu aċċessibbli bl-istess mod għal gruppi ta' minoranzi, tfal u żgħażaġh b'diżabilità u minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati u ma għandhomx iwasslu għal diskriminazzjoni jew segregazzjoni.
15. Approċċi ta' tagħlim imħallat jirrikonoxxu l-valur tal-iskola bħala spazju kondiviż għall-interazzjoni personali u soċjali, li huwa importanti għat-tagħlim bħala mod ta' kif nifhmu u nagħmlu sens mid-dinja. Kemm l-arkitettura tal-iskola kif ukoll id-disinn tal-ispazju għall-iskejjel huma sinifikanti f'dan ir-rigward.
16. Approċċi ta' tagħlim imħallat jistgħu jtejjbu l-iżvilupp ta' kompetenzi wiesgħa, minħabba l-varjetà ta' kompiti u għodod ta' tagħlim li jistgħu jinvolvu. L-użu tat-teknoloġija diġitali, inkluż il-konnessjoni ta' apparati online, jista' jiffaċilita l-interazzjoni tal-istudent ma' studenti oħra, programmi ta' tagħlim, u sorsi oħra ta' informazzjoni, u jista' jappoġġa t-tagħlim wiċċ imb' wiċċ u t-tagħlim f'ambjenti differenti. Il-kisba ta' kompetenzi diġitali u tad-data tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' approċċi ta' tagħlim imħallat. L-użu komplementari tat-tagħmir xjentifiku, ir-riżorsi edukattivi miftuħa (OER), l-għodod tas-snajjja', realja (oġġetti misjuba u użati fil-ħajja ta' kuljum), testi pubblikati, u għodod tal-kitba u tal-arti viżiva jista' jappoġġa l-kreattività u l-espressjoni personali, kemm bħala individwu kif ukoll b'mod kollaborattiv.

17. L-approċċi ta' tagħlim imħallat jeħtieġu approċċ koerenti u mifruq mas-sistema kollha biex jinħolqu kundizzjonijiet abilitanti. Dan jinkludi l-involviment ta' Prattikanti b'oqsma differenti ta' għarfien espert u l-promozzjoni ta' kollaborazzjoni mal-komunità, li jhegħegħ responsabbiltà kondiviża għall-iżvilupp tat-tfal u ż-żgħażaġh. L-effettività ta' miżuri sistematiċi biex jiġu appoġġati approċċi ta' tagħlim imħallat ser tiddependi wkoll fuq l-artikolazzjoni u l-appoġġ tar-relazzjonijiet bejn l-elementi differenti tal-ekosistema, bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ; l-industrija tar-riżorsi tal-edukazzjoni (li tipprovdi t-teknoloġija, il-pubblikazzjoni, u tagħmir ieħor tal-kurrikulu); l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ; il-komunitajiet; l-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili; kif ukoll il-familji u l-istudenti nfushom, irrispettivament mill-ħtiġijiet jew mil-livelli ta' ħiliet tagħhom.
18. L-approċċi ta' tagħlim imħallat huma Prattika stabbilita b'mod ġenerali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali¹⁸; madankollu, ir-restrizzjonijiet tal-pandemija sfidaw il-kapaċità tal-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u jżommu komunikazzjoni mal-ħarrieġa u l-mentors, u kellhom impatt fuq il-forniment ta' apprendistati. It-tnaqqis fl-aċċess għal esperjenzi Prattiki enfasizza l-ħtieġa magħrufa għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex jittieħed vantaġġ mit-teknoloġija diġitali, inkluż l-apparati diġitali u l-pjattaformi ta' tagħlim, il-portafolli elettroniċi u r-realtà awmentata u r-realtà virtwali għas-simulazzjonijiet. Huwa saħħaħ ukoll il-ħtieġa għal fehim u koordinazzjoni ta' kif it-teknoloġiji diġitali jintużaw għat-tagħlim f'ambjenti differenti (eż. fis-sit tal-iskola jew matul il-kollokamenti tax-xogħol) sabiex l-istudenti jitħejjew għall-ħajja u s-suq tax-xogħol futur.

¹⁸ L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali normalment jitwettqu fil-livell sekondarju tat-tieni livell u fil-livell postsekondarju qabel ma l-istudenti jibdew il-ħajja tax-xogħol. Dawn iseħħu f'ambjent ibbażat fl-iskola (prinċipalment fil-klassi) jew f'ambjenti bbażati fuq ix-xogħol bħal ċentri ta' taħriġ u kumpanniji, skont is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ u l-istrutturi ekonomiċi nazzjonali.

19. L-importanza u r-rilevanza tat-tagħlim mhux formali huma evidenti mill-esperjenzi miksuba permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, ix-xogħol volontarju u l-parteciġazzjoni f'attivitajiet kulturali, inkluż l-isport tal-massa. It-tagħlim mhux formali għandu rwol importanti x'jaqdi fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' ħiliet interpersonali, komunikattivi, konjittivi u personali essenzjali, inkluż il-kreattività, li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh lejn l-età adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol¹⁹. L-identifikazzjoni ta' modi ġodda ta' tagħlim tinkludi kooperazzjoni aħjar bejn ambjenti ta' tagħlim formali u mhux formali²⁰.
20. Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hija tirrikonoxxi li l-livell ta' awtonomija li jgawdu minnu l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ ivarja ħafna madwar l-Istati Membri. F'xi Stati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-ġhalliema, kif ukoll l-ġhalliema u l-ħarrieġa, igawdu minn livell għoli ta' awtonomija. Ir-Rakkomandazzjoni ser tiġi implimentata skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali.

¹⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-appoġġ liż-żgħażaġh fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni b'suċċess taġħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol, ĠU C 189, 15.6.2017, p. 30.

²⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trasversali, speċjalment fost iż-żgħażaġh, ĠU C 172, 27.5.2015, p. 8.

Filwaqt li titqies id-definizzjoni li ġejja ta' "tagħlim imħallat":

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, tagħlim imħallat fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali jinkludi diversità ta' approċċi u huwa mifhum bħala skola (fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), għalliem u ħarrieġ jew student li jieħdu aktar minn approċċ wieħed għall-proċess ta' tagħlim:

- it-taħlit tas-sit tal-iskola ma' ambjenti fiżiċi oħra 'l bogħod mis-sit tal-iskola (bil-preżenza ta' għalliem/ħarrieġ, jew separati mill-ispazju u/jew il-ħin fit-tagħlim mill-bogħod);
- it-taħlit ta' għodod differenti għat-tagħlim li jistgħu jkunu diġitali (inkluż it-tagħlim online) u mhux diġitali.

Billi jużaw il-ġudizzju pedagoġiku professjonali tagħhom, l-għalliema, il-ħarrieġa u l-iskejjel ser jagħżlu u jiffaċilitaw l-użu ta' dawn l-approċċi bħala parti minn kompiti ta' involviment u tagħlim effettiv li jappoġġaw l-iżvilupp ta' kompetenza wiesgħa, kif adatt għall-età, l-abbiltajiet u ċ-ċirkostanzi tal-istudenti u l-eżiti tat-tagħlim maħsuba.

Ambjenti fiżiċi oħra jistgħu jinkludu, pereżempju, minn naħa waħda, id-dar; l-isptarijiet (fil-każ ta' tfal morda jew midruba); u min-naħa l-oħra istituzzjonijiet kulturali u tal-memorja; l-azjendi agrikoli, il-kumpanniji u postijiet tax-xogħol oħra; is-siti tan-natura u fil-miftuħ; l-ispazji sportivi u taż-żgħażaġh.

Tagħlim mill-bogħod huwa definit bħala tagħlim li jseħħ mal-għalliem/ħarrieġ li jkun separat mill-istudent mill-ispazju u/jew il-ħin, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Tagħlim online huwa definit bħala tagħlim li jseħħ bl-użu tat-teknoloġija diġitali biex jiġu konnessi apparati differenti u tiġi ffaċilitata l-interazzjoni bejn l-istudent u l-għalliema, il-ħarrieġa jew persunal edukattiv ieħor, jew studenti oħra, bil-għan li jinkiseb kontenut tat-tagħlim jew informazzjoni oħra biex jinkisbu l-oġettivi ta' programmi tat-tagħlim.

Għodod tat-tagħlim diġitali jistgħu jinkludu, pereżempju: smart boards u projetturi għall-kollaborazzjoni fil-klassijiet; apparati mobbli, tablets u laptops b'applikazzjonijiet għad-disinn, l-esplorazzjoni u l-kondiviżjoni tax-xogħol; it-televiżjoni u r-radju biex jiġu segwiti l-programmi; u l-għodod u l-applikazzjonijiet tar-realtà awmentata u tar-realtà virtwali għall-interattività mtejba. L-għodod tat-tagħlim diġitali mhux dejjem jeħtieġu li jkunu konnessi mal-internet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

1. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, jappoġġaw l-irkupru u t-tħejjija ta' sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija għall-istudenti, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, jiżviluppaw approċċi strateġiċi aktar fit-tul għat-tagħlim imħallat u jibnu fuq innovazzjonijiet b'suċċess introdotti jew ittestjati matul il-pandemija biex jikkondividu u jespandu l-aħjar prattiki, skont il-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni²¹. Dawn l-innovazzjonijiet ma jissostitwixxux iżda jikkomplementaw it-tagħlim mis-siti tal-iskola u dak wiċċ imb' wiċċ.

²¹ Il-Qafas għat-Tagħlim Imħallat ippreżentat fid-Dokument ta' Ħidma SWD (2021) 219 final tal-Persunal tal-Kummissjoni jista' jkun bażi għal azzjonijiet speċifiċi adattati għas-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi.

2. Jappoġġaw lill-istudenti billi jqisu l-miżuri li ġejjin:

Bħala rispons dirett għall-kriżi

- a) Jipprovdur opportunitajiet addizzjonali ta' taġġim u appoġġ immirat lejn l-istudenti biex jiġi rimedjat it-telf ta' taġġim ikkawżat mill-għeluqparzjali tal-iskejjel u r-restrizzjonijiet għat-tagħlim wiċċ imb' wiċċ, b'mod partikolari għal dawkli għandhom diffikultajiet fit-tagħlim, għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali, ġejjin minn gruppi żvantaġġati jew li ġew affettwati mod ieħor mit-tfixkil fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jista' jinkludi, pereżempju, appoġġ individwalizzat imtejjeb u tutoraġġ personali, sistemi ta' mentoraġġ (inkluż mentoraġġ bejn il-pari), komunitajiet tat-tagħlim inklużiv, riżorsi ta' aktar għalliema assenjati lill-klassi (eż. Co-teaching), aktar appoġġ għall-konsulenza, ħin ta' taġġim addizzjonali matul is-sena skolastika u/jew il-perijodu tal-vaganzi, aċċess għal ambjenti ta' taġġim addizzjonali, bħal libreriji pubbliċi u spazji komunitarji, u għal servizzi ta' wara l-iskola b'appoġġ pedagoġiku.
- b) Jagħtu prijorità lill-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti u l-familji tagħhom. Dan jista' jinkludi: it-tisħiħ tal-appoġġ psikoloġiku u l-iżvilupp ta' gwida għas-saħħa mentali; l-inklużjoni tal-benesseri tal-istudent u l-politiki kontra l-bullying fl-oġġettivi tal-iskejjel; proċessi ta' monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità (bħala parti minn assigurazzjoni tal-kwalità regolari jew xogħol ta' spezzjoni fl-iskejjel jew fil-kuntest ta' valutazzjonijiet speċifiċi tas-sitwazzjoni fl-iskejjel fil-kuntest tal-pandemija); l-assenjazzjoni ta' persunal dedikat jew il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal professjonisti kwalifikati u servizzi tas-saħħa mentali u ta' appoġġ.

- c) Jagħtu spinta lill-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-istudenti kollha u l-familji tagħhom, b'kont meħud tad-distakk diġitali u d-distakk diġitali bejn il-ġeneri, filwaqt li jiġu indirizzati l-isterjotipi u l-preġudizzji kollha, inkluż l-isterjotipi tal-ġeneru u l-preġudizzji tal-ġeneru, u tingħata spinta lill-kapaċità diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi jithegġegħ l-investment fil-livelli tal-iskejjel u tal-komunità fl-apparat u l-konnettività disponibbli u billi jiġu pprovduti opportunitajiet biex jissaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, inkluż l-użu tat-teknoloġija għall-komunikazzjoni, kemm għal taġħlim indipendenti kif ukoll kollaborattiv u għall-awtovalutazzjoni biex jitlejeb aktar it-tagħlim. L-implimentazzjoni ta' investimenti u riformi previsti fil-pjanijiet nazzjonali u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiżgura li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw it-tagħmir u l-opportunitajiet ta' taġħlim meħtieġa.

Biex jiġu appoġġati l-irkupru u t-tħejjija fit-tul tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

- d) Jesploraw modi biex jiġu żviluppati approċċi ta' taġħlim imħallat fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, għall-benefiċċju tal-istudenti kollha u biex jiġi żgurat impatt pożittiv dejjiemi fuq it-tagħlim u l-apprendiment adattati għall-età, l-abbiltajiet, il-ħtiġijiet speċifiċi u l-oġettivi tat-tagħlim tal-istudenti, filwaqt li jiġi rikonoxxut bis-sħiħ il-valur tat-tagħlim fis-sit tal-iskola u t-tagħlim wiċċ imb wiċċ. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-iżvilupp u l-inkorporazzjoni ta' għodod differenti għat-tagħlim, sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet għall-investigazzjoni u l-espressjoni, inkluż l-iżvilupp tal-litteriżmu xjentifiku, diġitali u fil-media; l-appoġġ għat-tagħlim li jgħaqqad ambjenti differenti biex jarrikkixxi l-esperjenza tat-tagħlim; il-ħolqien ta' bilanċ xieraq bejn it-tagħlim immexxi mill-għalliema u mill-istudenti fuq naħa, u t-tagħlim kollaborattiv u indipendenti fuq l-oħra; l-esplorazzjoni ta' metodi ta' taġħlim biex opportunitajiet ġodda jsiru attraenti u jiġu offruti soluzzjonijiet ta' taġħlim aħjar kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema.

- e) Jużaw approċċi ta' tagħlim imħallat bħala mod kif jiġu appoġġati l-benesseri, l-awtonomija tal-istudenti u t-tagħlim personalizzat (filwaqt li jitqiesu l-età, il-kapaċitajiet, u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tagħlim tal-istudenti), u kif jiġu żviluppati l-"kompetenzi personali, soċjali u tat-tagħlim dwar kif titgħalliem" (wieħed mit-tmien "kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja"²² u żviluppat aktar fl-inizjattiva qafas Ewropea LifeComp tal-Kummissjoni²³).

3. Jappoġġaw lill-ġhalliema u lill-ħarrieġa billi jqisu l-miżuri li ġejjin:

Bħala reazzjoni diretta għall-kriżi:

- a) Jappoġġaw l-awtovalutazzjoni tal-ġhalliema dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali, kif ukoll korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u forum oħra ta' tagħlim professjonali għall-ġhalliema u l-ħarrieġa biex jgħinuhom jużaw u jintegraw programmi u għodod diġitali fit-tagħlim²⁴. Jiżviluppaw u jiddisseminaw moduli u riżorsi pedagoġiċi online u fuq il-post biex jgħinu lill-ġhalliema u lill-ħarrieġa jadattaw il-metodi u l-prattiki tat-tagħlim tagħhom għal approċċi ta' tagħlim imħallat²⁵, abbażi tal-esperjenza u l-feedback tagħhom, u jinvolvu ruħhom magħhom fl-użu ta' għodod u materjali ġodda, inkluż kif joperaw b'mod sikur u etiku f'ambjenti diġitali u kif jappoġġaw lill-istudenti biex jagħmlu dan.

²² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

²³ LifeComp tinkludi tliet oqsma ta' kompetenza marbutin ma' xulxin: "Personali", "Soċjali", u "Tagħlim dwar kif Titgħalliem". Kull qasam jinkludi tliet kompetenzi: awtoregolamentazzjoni, flessibbiltà, benessere (żona personali); empatija, komunikazzjoni, kollaborazzjoni (qasam soċjali); mentalità ta' tkabbir, ħsieb kritiku, u ġestjoni tat-tagħlim (qasam tat-tagħlim dwar kif titgħalliem). Il-kompetenzi ta' LifeComp japplikaw għall-oqsma kollha tal-ħajja u jistgħu jinkisbu tul il-ħajja permezz ta' edukazzjoni formali, informali u mhux formali. <https://ec.europa.eu/jrc/en/lifecomp>

²⁴ Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-għodda l-ġdida SELFIE għall-Ġhalliema, li tista' tappoġġa lill-edukaturi jippjanaw l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali tagħhom.

²⁵ Il-pjattaforma School Education Gateway diġà tinkludi xi riżorsi għat-tagħlim imħallat, iddedikati għall-ġhalliema u għall-ħarrieġa.

- b) Iżidu l-enfasi fuq il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja professjonali tal-ġhalliema u l-ħarrieġa, il-mexxejja tal-iskejjel u persunal edukattiv ieħor sabiex jittaffa l-istress u jiġi pprevenut l-eżawriment. Dan jista' jinkludi: il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal professjonisti u servizzi kwalifikati fil-qasam tas-saħħa mentali u fi kwistjonijiet ta' appoġġ; il-promozzjoni tal-iżvilupp u/jew l-organizzazzjoni ta' appoġġ bejn il-pari biex jittaffa l-istress; u l-ġhoti ta' opportunitajiet imtejba għat-taħriġ fir-reżiljenza/il-benesseri mentali fl-edukazzjoni inizjali tal-ġhalliema u fit-tkomplija ta' programmi ta' żvilupp professjonali.

Biex jiġu appoġġati l-irkupru u t-tnejja fit-tul tal-ġhalliema u l-ħarrieġa:

- c) Jintegraw it-tfassil ta' taġħlim imħallat fi programmi tal-edukazzjoni inizjali tal-ġhalliema²⁶ u tat-tkomplija tal-iżvilupp professjonali statutorji²⁷ biex il-persunal edukattiv jiġi meġġun jadatta t-tfassil tat-taġħlim kif xieraq għall-kuntesti professjonali tiegħu u meġġun biex isir kompetenti fil-faċilitazzjoni tat-taġħlim b'firxa ta' ambjenti fuq ġewwa u fil-miftuħ, għodod u kompiti.
- d) Jipprovdu aċċess għal ċentri ta' għarfien espert u għal riżorsi xierqa li jiggwidaw u jtejbu approċċi ta' taġħlim imħallat. Jappoġġaw lill-persunal tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex jiżviluppaw approċċi ta' taġħlim imħallat fil-kuntesti speċifiċi taġħhom permezz ta' skambji tal-persunal u taġħlim bejn il-pari, il-ħolqien ta' timijiet b'saħħithom tal-iskejjel permezz ta' taġħlim kollaborattiv, networks, proġetti ta' kollaborazzjoni, u komunitajiet ta' Prattika.
- e) Jiżviluppaw gwida dwar approċċi ġodda għall-valutazzjoni u l-eżamijiet finali, inkluż online, b'għodod xierqa għal valutazzjoni formattiva u kumulattiva li huma xierqa għal livelli u kuntesti ta' taġħlim differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

²⁶ Perijodu ta' studju formali sabiex wieħed jikseb kwalifika rikonoxxuta u jiġi impjegat bħala ġhalliem. Dan tipikament jiġi offrut mid-dipartimenti tal-edukazzjoni fl-universitajiet jew istituzzjonijiet indipendenti tal-edukazzjoni tal-ġhalliema (ara l-glossarju fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2021) 219 final).

²⁷ It-taġħlim li l-professjonisti jipparteċipaw fih fi kwalunkwe stadju tal-karriera taġħhom biex itejbu l-prattika taġħhom (ara l-glossarju fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2021) 219 final).

- f) Iħeġġu lill-persunal edukattiv jipparteċipa fi proġetti u riċerka esploratorji, inkluż l-ittestjar tal-użu tal-kompiti f'ambjenti oħrajn ta' tagħlim u l-użu tat-teknoloġija diġitali biex tappoġġa l-proċessi ta' tagħlim u apprendiment.

4. Jappoġġaw lill-iskejjel billi jqisu l-miżuri li ġejjin:

Bħala reazzjoni diretta għall-kriżi:

- a) Jipprovdu għodod u riżorsi għall-approċċi ta' tagħlim imħallat, kif ukoll gwida lill-iskejjel dwar kif dawn jistgħu jintużaw effettivament²⁸.
- b) Jimmobilizzaw jew jirreklutaw persunal addizzjonali biex ikun jista' jingħata aktar ħin għall-appoġġ individwali fl-iskola u fl-attivitajiet ta' wara l-iskola, jekk possibbli.
- c) Jappoġġaw sħubijiet effettivi għall-infrastruttura u r-riżorsi bejn fornituri differenti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, in-negozji, assoċjazzjonijiet professjonali, l-arti, il-wirt kulturali, l-isport, in-natura, l-edukazzjoni għolja u l-istituti tar-riċerka, is-soċjetà ċivili, l-industrija tar-riżorsi edukattivi (inkluż it-teknoloġija, il-pubblikazzjoni, u tagħmir ieħor tal-kurrikulu) u r-riċerka edukattiva.
- d) Jappoġġaw lill-iskejjel fil-monitoraġġ u l-awtoevalwazzjoni tal-istrateġiji u l-prattiki ta' inklużjoni tagħhom fir-rigward ta' approċċi ta' tagħlim imħallat u fit-teħid ta' miżuri meħtieġa biex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet, inkluż l-użu tal-għodod tal-UE²⁹.
- e) Itejbu l-fehim tal-ġenituri, tal-kustodji legali u tal-familji dwar l-ambjenti tat-tagħlim, l-għodod u l-kompiti permezz ta' komunikazzjoni u gwida sistematiki, mingħajr ma jinħolqu piżijiet addizzjonali għalihom.

²⁸ L-għodda SELFIE tista' tappoġġa lill-iskejjel biex jirriflettu u jiġbru evidenza dwar is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet attwali tagħhom. L-għodda hija modulari u tista' tiġi adattata minn kull skola biex tqis il-kuntest partikolari tagħha.

²⁹ Is-Sett ta' Għodod Ewropew għall-Iskejjel "Il-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva u l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola" joffri ħafna riżorsi u eżempji prattiċi, kif ukoll għodda ta' awtovalutazzjoni għall-iskejjel.

- f) Jinvestu fil-konnettività tal-internet b'veloċità għolja għal ambjenti fuq il-post l-iskola u tat-tagħlim mill-bogħod, li fuqhom jiddependi t-tagħlim online, flimkien ma' pjanijiet għall-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura teknika.
- g) Jippermettu, fejn possibbli u f'konformità mal-leġislazzjoni u ċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali, livell xieraq ta' awtonomija għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-iskola (mill-bordijiet tal-iskejjel, il-kapijiet, il-mexxejja), sabiex jiġu ffaċilitati l-innovazzjoni, il-kapaċità ta' rispons u l-adattament għall-ħtiġijiet lokali u reġjonali.
- h) Jappoġġaw lill-mexxejja tal-iskejjel, li huma importanti fil-ġestjoni tal-bidla organizzazzjonali u titjib kontinwu, bi żvilupp professjonali u gwida ddedikati għar-rwoli tagħhom. Jappoġġaw lill-iskejjel u lill-fornituri assoċjati tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fir-riflessjoni dwar approċċi ta' tagħlim imħallat fl-ippjanar strateġiku tagħhom u fil-proċessi ta' titjib fl-iskejjel, li jistgħu jinkludu l-użu ta' għodod ta' awtovalutazzjoni.
- i) Jappoġġaw id-djalogu u n-networking bejn firxa ta' partijiet ikkonċernati, inkluż il-familji, involuti kemm fit-tagħlim fis-siti tal-iskejjel u ambjenti fiżiċi oħra u fit-tagħlim mill-bogħod, sabiex jiġġeneraw feedback u ideat għall-iżvilupp futur minn sorsi differenti. Dan għandu jinkludi wkoll djalogu, gwida u strateġiji biex tiġi protetta s-sikurezza tat-tfal u taż-żgħażaġh u biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data tagħhom, u s-sigurtà u l-privatezza tagħhom fid-dinja diġitali.
- j) Jużaw, meta possibbli, parti mill-mekkaniżmi interni u/jew esterni ta' rieżami u ta' assigurazzjoni tal-kwalità ta' skola għat-taħlit ta' ambjenti u għodod ta' tagħlim, bl-inkorporazzjoni ta' evalwazzjoni ta' fornituri oħra minbarra l-iskola, jew permezz tagħhom.

5. Jagħmlu użu sħiħ mill-fondi u mill-ġarfien esperti tal-UE għar-riformi u l-investiment fl-infrastruttura, l-għodod u l-pedagoġija biex iżidu r-reżiljenza u t-tnejjija għal skejjel lesti għall-futur, b'mod partikolari Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.
6. Jinvestu fir-riċerka dwar u fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-isfidi ta' politika u l-impatt ta' dawn l-inizjattivi fuq l-ekosistemi edukattivi sabiex jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda u jikkontribwixxu għar-riforma futura tal-politika, inkluż billi jibnu fuq l-esperjenzi tal-istudenti kif ukoll fuq id-data miġbura, jekk disponibbli, biex jiġu żviluppati l-aħjar prattiki u soluzzjonijiet tal-IA mfassla apposta għal programmi ta' tagħlim imtejba.
7. Jieħdu miżuri u jagħtu segwitu għall-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, f'konformità mas-sistemi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Iqisu, jekk xieraq, kwalunkwe miżura li tappoġġa approċċi ta' tagħlim imħallat fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

B'DAN JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA TAS-SUSSIDJARJETÀ U Ċ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX

1. Tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni billi tiffaċilita t-tagħlim reċiproku u l-iskambji bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, soġġett għall-istabbiliment u l-elaborazzjoni ulterjuri ta' miżuri, permezz ta':
 - i) il-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)³⁰;
 - ii) iċ-Ċentru Ewropew għall-Edukazzjoni Diġitali l-ġdid u d-Djalogu Strateġiku l-ġdid mal-Istati Membri, li ser jiġu stabbiliti taħt il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 biex jappoġġaw il-kollaborazzjoni transsettorjali dwar l-edukazzjoni diġitali;
 - iii) il-pjattaformi u l-komunitajiet online tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-pjattaforma School Education Gateway, eTwinning u s-Sett ta' Għodod Ewropew għall-Iskejjel dwar "Il-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva u l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola";
2. Tappoġġa l-iżvilupp ta' riżorsi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex jintużaw fuq bażi volontarja, bħal:
 - i) materjal ta' gwida infurmat mill-evidenza dwar it-tfassil tat-tagħlim u l-prattika organizzazzjonali tal-iskejjel f'approċċi ta' tagħlim imħallat, inkluż dwar għodod diġitali possibbli, approċċi għall-valutazzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim, u l-protezzjoni tad-data, il-privatezza u s-sikurezza online;
 - ii) il-ħolqien u l-kondiviżjoni ta' kontenut edukattiv diġitali ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġi esplorat ukoll il-potenzjal tal-Qafas Ewropew tal-Kontenut Edukattiv Diġitali li bħalissa qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni.

³⁰ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

3. Tappoġġa l-iżvilupp professjonali u l-opportunitajiet ta' taġħlim għall-ġħalliema, il-ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, billi:
- i) tippromwovi korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) dwar it-taġħlim imħallat għall-ġħalliema, għall-ħarrieġa, għall-mexxejja tal-iskejjel u għall-ħarrieġa tal-ġħalliema ospitati mill-pjattaforma School Education Gateway, kif ukoll l-użu estiż ta' dawn il-korsijiet għall-persunal fl-iskejjel;
 - ii) tikkondividi Prattika Tajba minn skambji tal-persunal, proġetti u networks tal-Erasmus+, inkluż permezz tal-komunità online eTwinning, l-Akkademji tal-Ġħalliema tal-Erasmus+ u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali;
 - iii) tippromwovi l-ġħodda online l-ġdid SELFIE għall-ġħalliema biex tgħinhom jirriflett fuq il-kompetenzi diġitali tagħhom u jippjanaw għal aktar titjib. Din tibni fuq l-ġħodda SELFIE għall-ippjanar diġitali għall-iskola kollha, li tista' tgħin fl-appoġġ ta' approċċi effettivi ta' taġħlim imħallat, inkluż fil-VET.
4. Taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-fornituri ta' software u hardware, dwar modi kif jittejbu l-infrastruttura u l-ġħodod diġitali u l-użu tagħhom fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ u, barra minn hekk, tenfasizza l-importanza tal-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data f'dak il-kuntest.
5. Tappoġġa inizzjattivi biex jiġu żviluppati u promossi aktar l-opportunitajiet ta' edukazzjoni inklużiva, ekwitabbli u ta' kwalità u ta' taġħlim tul il-ħajja għal kulħadd, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni tal-istudenti f'ċirkostanzi varji li jaffettwaw l-aċċess tagħhom għal ambjenti u ġħodod partikolari ta' taġħlim, u l-inklużjoni ta' dawk li jeħtieġu appoġġ immirat fil-proċess ta' taġħlim.

6. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq ta' riformi sabiex itejbu l-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jappoġġaw il-prontezza diġitali tagħhom, f'konformità mal-oġġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027.
7. Tindirizza l-iżvilupp ta' approċċ ta' taġlim imħallat fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fir-rapporti ta' progress regolari taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
